MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Numru. 5/2001

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
EMMANUELE AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emmanuele Azzopardi, ta' 47 sena, imwieled Naxxar fil-25 ta' Frar 1953, bin il-mejjet Carmelo u l-mejta Carmela nee' Vassallo, u li joqghod 18 Labour Avenue, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 231553(M), u akkuzat talli fin-Naxxar, fil-25 t'Ottubru 2000, ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu hebb ghal Raymond Ciappara u kkagunalu ferita ta' natura gravi, liema feriti igibu sfregu fil-wicc.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza hedded lill-istess Raymond Ciappara bi kliem, kiser volontarjament il-

buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u kliem hazin jew b'mod iehor.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2001 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li fil-25 t'Ottubru tas-sena 2000, certu Raymond Ciappara ghamel rapport l-ghassa tan-Naxxar li ftit iktar kmieni dakinhar fi Triq Imdina, kien inqala' argument bejnu u bejn l-imputat Emanuel Azzopardi, u li f'dan l-argument, Raymond Ciappara qala' daqqa ta' mug f'rasu.

PS 38 Paul Zahra kien ha r-rapport.

Ciappara mar ic-centru tas-sahha u gie rrilaxxat certifikat minn certu Dr Ivan Micallef. Kopja ta' dan gie esebit u mmarkat bhala SG1 u SG2.

Aktar tard, l-Ispettur ircieva kwerela minghand Dr Gatt ghall-kwerelant, u dan sabiex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat ghal sfregju. Il-kwerela giet esebita bhala dokument SG4. Ittiehdu wkoll passi kriminali kontra Raymond Ciappara li gie liberat fuq kunflitt ta' provi. Is-sentenza giet esebita bhala SG5 (ara fol 18 u 19).

Fl-10 ta' Settembru, l-Ufficjal Prosekutur baghat ghal Emanuel Azzopardi u nvestigah u dan irrilaxxa stqarrija ffirmata (ara dokument SG6). Tentattivi bejn il-partijiet biex jirrisolvu l-pendenza li kellhom ma ntlahaqx u

ghalhekk kellu jitressaq Emanuel Azzopardi. L-Ufficjal Prosekutur Spettur Galea xehed illi l-imputat ma ammettiex mieghu li ta xi daqqiet bil-mug f'wicc il-kwerelant Ciappara, cahad li kellu mug tal-hgieg u qal li l-kafe' hu jehodha f'tazza tal-plastic.

In kontro ezami, Spettur Galea kkonferma illi kien il-kwerelant illi mar ifittex lill-imputat u dan il-ghaliex kien qed jippretendi l-hlas ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170), u ghaldaqstant il-kwerelant mar fejn kien qed jahdem l-imputat.  Fuq il-post tax-xoghol kien hemm persuna ohra prezenti, certu Victor.

PS38 Paul Zahra, a fol 24 et seq xehed dwar ir-rapport li ghamillu Raymond Ciappara.  Dan sostna li dakinhar ghal habta tal-hdax kien mar ikellem lil Emanuel Azzopardi u li dan f'hin minnhom hebb ghalih u tah daqqa ta' mug fuq rasu u ghamillu xi griehi.  Ciappara mar il-'polyclinic' u minn hemm gie riferut l-isptar.  Is-Surgent Zahra kellem lill-imputat Azzopardi u dan qal li Ciappara kien mar hdejh, kien heddu fuq xi kwistjoni li kellhom bejniethom, u x'hin gew fl-idejn, Ciappara waqa' u kien habat ghajnejh max-xibka tal-hadid li kienet hemmhekk.

PS Zahra jghid li Azzopardi sostna li zbalja li ma marx l-ghassa u jirraporta dan l-incident, dak il-hin izda ma hasibx li kienet ser tiehu din ix-xghira.  L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument S.  PS Zahra xehed illi c-certifikat mediku li kien ipprezenta l-kwerelant ma kienx jikkontjeni klassifika tal-griehi.  PS Zahra xehed illi l-incident sar fi Triq l-Imdina fejn l-imputat kien qieghed jaghmel xoghol ta' gebel.  Xehed ukoll illi mal-imputat kien hemm persuna tahdem mieghu certu Bartolo.

Surgent Zahra xehed li kien hemm xi dizgwit dwar ic-certifikati:

'iva dawn tal-isptar ma hargux certifikat, pero' mbaghad gie certifikat u c-certifikat li kien gie ma kienx fih imnizzel jekk kienux grevious jew slight.' (ara fol 27).

Dr Ivan Micallef, a fol 29, tal-Mosta Health Centre, ikkonferma li kien ezamina lil Raymond Ciappara, ID 232461(M) fil-25 t'Ottubru, wara li dan allega li qala' daqqa f'rasu ghax kellu xi jghid ma' persuna ohra. Dr Micallef xehed illi l-kwerelant kien qed jilmenta minn ugiegh ta' ras u li kien stordut. Xehed illi l-qasma li kellu kienet fil-'hairline', xi erba' jew hames centimetri, pero' kienet gerha fonda u tinvolvi l-muskoli tar-ras, u li ghalhekk kien baghtu jiehu xi 'x-rays'. Mitlub jaghti l-klassifikazzjoni tal-griehi, Dr Micallef xehed is-segwenti, a fol 30:

'peress li ma kontx cert jekk kienx hemm ksur jew le, ma stajtx nikklassifikahom.'

**A fol 32, Dr Micallef wara li ra l-gerha tal-kwerelant prezenti, ma kienx tal-fehma illi l-'scar' li halliet il-gerha tikkonstata sfregju.** Dr Micallef ikkonferma li l-kwerelant kien qallu li kien qala' daqqa ta' mug.

In kontro ezami, Dr Micallef xehed illi f'kaz illi kienet tidher frattura fl-'x-rays' tal-ghadam tal-mohh, allura l-klassifikazzjoni kienet tkun wahda ta' griehi ta' natura gravi u minhabba li ma kienx cert kien baghtu l-isptar. Dr Micallef ikkonferma illi l-gerha ma kinitx 'a clean cut' u li kienet kompatibbli kemm ma' daqqa ta' mug kif ukoll ma' daqqa ta' hadida (ara fol 36).

Raymond Ciappara, a fol 37, xehed illi huwa kellu jiehu madwar mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm138) minghand l-imputat, u kien mar xi tlett darbiet ghandu u ghand siehbu certu Victor, fuq kunsenja ta' knaten tal-gebel li ma gietx imhallsa. Wara li kien mar id-dar ghandhom, kien ircieva nformazzjoni li hu kellu jmur ikellimhom fuq il-lant tax-xoghol u hekk ghamel. L-imputat laqghu bil-kelma 'idhol' u l-kwerelant irrifjuta li jaghmel dan stante li ma kienx qieghed go hwejgu, l-imputat imbaghad, skond Ciappara:

'kien qed jixrob il-kafe', ramieh, hareg u tani daqqa ta' mug.'

Qorti: Hekk? Minghajr kliem u minghajr sliem?

Xhud: Iva…' (ara fol 38).

Il-kwerelant xehed illi Victor ma kienx messu u li d-daqqa li qala' minghand l-imputat kienet vicin ta' naghsu, cioe' fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. Il-kwerelant isostni illi mbaghad kienet giet il-mara tieghu, u li l-mara tieghu rat lill-imputat itih minn wara t-trakk. Il-kwerelant sostna li l-mara tieghu kienet qeghda ghand ommha li kienet toqghod fil-vicin, naqra iktar 'l isfel fl-istess triq. Gew esebiti ritratti RC1, 2, 3, a fol 43.

Il-kwerelant kompla jghid li l-mara tieghu kienet haditu l-'polyclinic' u minn hemmhekk gie referut l-isptar. Il-kwerelant innega li huwa kien qed jagredixxi lill-imputat meta dan qala' d-daqqa. Xehed illi l-mug, li bih qala' d-daqqa, ma nkisirx. Il-kwerelant jghid li ma kien hemm xejn vicin ta' fejn saret il-glieda, u li hu u l-imputat kienu tlewmu fit-triq li kienet bit-tarmac. Il-kwerelant xehed illi hu kien mar l-ewwel l-ghassa u mbaghad wara dan, kien mar il-'polyclinic' u l-isptar.

Louise Ciappara, a fol 44 et seq, mart il-kwerelant, xehdet li hija kienet ghand ommha fil-25 t'Ottubru tas-sena 2000, meta semghet l-ghajjat u nizlet sa fejn kien qed jahdem Emanuel Azzopardi l-imputat, u ratu jaghti daqqa ta' mug lill-zewgha. A fol 45, irrakkuntat il-battibekk li kellha ma' Emanuel Azzopardi wara l-incident, u kompliet tghid illi wara l-incident, hadet lir-ragel taghha kollu dmija l-ghassa tal-Pulizija, minn hemmhekk marru l-'polyclinic' u mbaghad l-isptar. Wara dan kollu, regghu marru l-ghassa tal-Pulizija. Ir-ritratti dokument RC1, 2, 3 ittiehdu minn Louise Ciappara.

Louise Ciappara xehdet is-segwenti:

'kien qed jixrob go mug, rema', ghamel hekk, u dar fuqu u laqtu hawnhekk fuq mohhu

Prosekuzzjoni: Ir-ragel kien qed jiggieled mieghu?

Xhud: Kienu qeghdin jghajtu, jien kont gejja minn wara t-trakk u t-tnejn kienu qed jghajtu, cioe' t-tlieta ghax kien hemm l-iehor mieghu.'

Louise Ciappara kkonfermat illi l-isptar kien rah Dr Jonathan Joslin li jiccekkjaw jekk kienx hemm fratturi tal-kranjum.

PC381 Dennis Sammut, a fol 49 et seq, ikkonferma l-prezenza tieghu dwar it-tehid tal-istqarrija tal-imputat dokument SG6.

Victor Bartolo, a fol 53 et seq, xehed illi huwa u Leli Azzopardi kienu qeghdin fuq xogholhom meta gie l-kwerelant Raymond Ciappara:

> 'hu (Ciappara) gie, beda jheddidna, u ried ikissirna u jifqalghna t-trakk u Leli qallu ha mmur ghall-Pulizija, immur naghmillu rapport, ghax beda jheddidna t-tnejn li ahna, lili li jifqaghni got-trakk b'kollox, u lilu jifqghu fil-vann.' (ara fol 54).

Victor Bartolo kkonferma illi l-argument inqala' l-ghaliex Ciappara kien qed jippretendi xi hlas minn ghandhom. Victor Bartolo xehed illi l-imputat kien sejjer biex jaghmel rapport l-ghassa meta Ciappara qabad ix-xibka, tefaghhielu, u carratlu jdejh, u kien hemmhekk li mbaghad qabdu jaghtu Ciappara u l-imputat.

Victor Bartolo qal li ra d-dmija kemm fuq l-imputat kif ukoll fuq Ciappara. Mistoqsi kif wegga' l-kwerelant, Bartolo jghid li ma jafx ghax kien fejn it-trakk. Mitlub jghid min kien li ta l-ewwel daqqa, Victor Bartolo qal illi dan kien Ciappara permezz tax-xibka. Mitlub jghid jekk xi hadd minnhom kellux xi haga f'idejh, Bartolo jirrispondi li ma jidhirlux. Bartolo kkonferma illi hu u l-imputat ikollhom thermos u li jkunu jiehdu t-te' fil-kikkra tal-plastic. (ara fol 56).

Mitlub ripetutament, (ara fol 60 u 61), jekk l-imputat kellux xi haga f'idejh waqt illi kien qed jissara mal-kwerelant, Victor Bartolo jinnega ripetutament. Mitlub repetutament biex jghid kif wegga' l-kwerelant, Victor Bartolo xehed illi ma kienx f'pozizzjoni jghid kif wegga':

‘daqs kemm habbtu minn hawn u minn hemm (mat-trakk) u max-xibka.’

Victor Bartolo kkonferma li l-ghada marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-Pulizija u li kien hu li ma halliex lil Leli Azzopardi jmur l-ghassa dakinhar. (ara fol 64).

PS38 Paul Zahra, a fol 69 et seq, rega’ kkonferma x-xhieda tieghu. In kontro ezami, PS Zahra kkonferma illi l-imputat seta’ qallu illi sforz il-glieda kellu sinna illi kienet qed ticcaqlaqlu, pero’ ma setax jiftakar jekk kemm-il darba l-imputat kellux xi griehi f’idejh. Ikkonferma li l-imputat kien qallu:

‘jien ma jkollix muggijiet, qalli jien tat-thermos stess ikolli.’ (ara fol 74).

Dr Jonathan Joslin, a fol 86 et seq, ikkonferma li kien gie referut lilu Raymond Ciappara b’gerha fuq rasu. Xehed illi kien Dr Ivan Micallef li kien rah fil-Mosta Health Centre. Dr Joslin xehed is-segwenti:

‘dan hadlu xi ‘x-rays’, ezaminah personalment ma nafx ghalfejn baghtu l-‘casualty’ ghax kullma ghamlitlu jien punti f’rasu u bghattu ‘l hemm, jigifieri jien personalment bhala Raymond Ciappara ezaminajtu biex naghmillu l-punti.’

Dr Jonathan Joslin xehed illi Dr Micallef fir-‘referral’ qal li Ciappara ‘was hit on his forehead by a possibly ring.’

Dr Jonathan Joslin xehed illi Ciappara kellu ticrita ta’ tlett centimetri fuq il-parti tax-xellug ta’ mohhu u kklassifika l-griehi bhala ‘grevious’ minhabba sfregju. A fol 88 jghid is-segwenti:

‘dik bazikament tibqa’ bhala sfregju minhabba ‘the length’, u fuq il-mohh is-soltu jidhru.’

Xehed illi l-gerha kienet kompatibbli ma’ daqqa jew ma’ waqa’. Dr Joslin, a fol 89, ikkonferma li huwa qatt ma ra lill-kwerelant mill-gurnata li fiha ghamillu l-punti, u

ghaldaqstant ma setax jghid jekk il-gerha filfatt hallietx sfregju jew le.

Raymond Ciappara, a fol 99, rega' kkonferma illi l-ferita li qeghda fuq l-'eyebrow' kienet giet kagunata b'daqqa ta' mug, u li din il-ferita xi kultant tniggzu.

L-imputat Emanuel Azzopardi, a fol 103, xehed illi huwa kien ilu jahdem ma' Raymond Ciappara xi ghoxrin sena. Ikkonferma li huwa jahdem bi shab ma' Dr Bartolo, li kien mieghu waqt l-incident. L-imputat xehed illi huwa u Victor Bartolo huma bennejja waqt illi Ciappara jgorr il-gebel. Ikkonferma li huwa kien ilu jinnegozja ma' Ciappara xi hmistax ghoxrin sena. Xehed illi l-argument li huwa kellu ma' Ciappara kien jikkoncerna li jikkonsenja gebel li huma riedu biex jahdmu parti minn knisja fil-Bidnija. Li ghaldaqstant, huma riedu gebla cara u sabiha, waqt li l-vjegg gebel li gabihom il-kwerelant kienet kollha soll, u ghaldaqstant irrifjutawha.

L-imputat xehed illi huwa dehrlu li l-gebel ma kienx tajjeb, izda l-kwerelant kien ipperswadieh li filfatt kienet gebla fina. Illi sussegwentement, wara li kienu lahqu bnew erba' filati mill-knisja, kien gie l-Perit u qalilhom biex jaqilghu kollox. Wara dan, kienu rrifjutaw il-gebel u kienu qalu lill-kwerelant biex ikunu huma li jmorru jaghzlu l-gebel u hekk kien sar. Illi l-kwerelant kien ha lura dsatax minn tnejn u erbghin vjegg gebel. L-imputat xehed li huma hallsuh sitt mija (Lm600) mill-prezz li talabhom, izda l-kwerelant beda jippretendi hlas tal-vjeggijiet kollha.

L-imputat xehed illi huma fl-ahhar kienu gew ghal arrangament fuq il-flus, u dan billi l-kwerelant kien naqqsilhom mitt Lira Maltin (Lm100) mill-kont originali. Il-gwaj beda skond l-imputat, meta l-imputat iddecieda li ma riedx jibqa' jahdem iktar mall-kwerelant. Meta gara hekk, il-kwerelant hassar il-ftehim u beda jippretendi l-hlas totali tal-vjeggijiet tal-gebel. Illi ghalhekk mar ifittixhom fuq il-lant tax-xoghol fi Triq il-Kuncizzjoni, fejn hu u Victor Bartolo kienu qeghdin jahdmu.

L-imputat, a fol 111, xehed illi Raymond Ciappara gie bit-trakk, ipparkjah fit-triq li hija dejqa, sejjahlu pero’ ma riedx jidhol fi propjeta’ tan-nies, u ghaldaqstant, l-imputat resaq ma’ xibka tal-hadid li kienet qeghda nstallata qisha xatba, u fil-pront, l-imputat jghid li l-kwerelant beda jheddu illi se jifqghu fil-vann. L-imputat xehed is-segwenti:

‘l-ewwel diskors li qalli fi x’hin wasal max-xibka lili qalli jekk m’ahniex se nirrangaw, iggibu dawk il-Lm100 qalli, lilek nifqghek fil-vann bit-trakk u l-iehor nifqghu gol-kabina tat-trakk, hekk kienet. Jien qedtlu ha mmur ghall-Pulizija, qbadt ix-xibka ghax minnha trid tohrog, qabadha, xehitha, li ma lqajtx hekk b’idi kien jaqlaghli ghajni biha, fetahli subghajja minn hawn.’ (ara fol 112), ‘…u qbadna naghtu flimkien, xejjirli daqqa ta’ ponn lili, tajjarli s-sinna minn hawn, mhux dak il-hin waqghet is-sinna, waqghet wara xi hmistax, u qbadna naghtu jien u hu, hu jtini u jien intih, issa jew habat rasu mat-trakk jew max-xibka, hu qed jghid li tajtu bil-mug
Qorti: Inti x’kellek f’idejk?
Imputat: Xejn ma kelli , kif se nilaqghha x-xibka kieku kelli l-mug f’idi.’

L-imputat ikkonferma illi huwa jkollu ‘thermos’ mieghu u hu jiehu l-kafe’ fil-kikkra tal-plastic tat-‘thermos’. Mitlub jghid jekk kemm-il darba kienx hemm xi hadd prezenti waqt dan l-incident, l-imputat jikkonferma li kien hemm Victor Bartolo. L-imputat xehed li l-mara tal-kwerelant **giet bejn hmistax u tletin minuta wara l-incident**. Infatti, wara l-incident, l-imputat cempel fuq it-telecell u wara xi kwarta kienet giet il-mara tieghu. L-imputat xehed li huwa, meta giet il-mara tieghu, dahal ‘l gewwa, u din bdiet titkellem ma’ Victor Bartolo.

In kontro ezami, l-imputat jghid illi kemm Ciappara kif ukoll hu kellu dmija fuq il-persuna taghhom. L-imputat jghid illi l-kwerelant wegga’ billi jew habat mat-trakk jew max-xibka. Giet moqrija lilu l-verzjoni li hu ta fl-okkorrenza u l-imputat ikkonfermaha. L-imputat innega illi t-ticrita li kellu l-kwerelant giet minhabba li hu tah daqqa ta’ ponn, u baqa’ jsostni illi l-gerha li kellu l-kwerelant kienet daqqa mat-trakk jew max-xibka tal-hadid.

In kontro ezami, Louise Ciappara kkonfermat li kien hemm problema dwar xi vjeggi tal-gebel li l-kwerelant kien ta lill-imputat, li pero' l-kwerelant kien irranga din il-problema u li l-imputat kien ghaldaqstant fadallu jhallas lil zewgha xi ftit fuq il-mitt Lira Maltin (Lm100). Louise Ciappara xehdet illi hija u zewgha l-kwerelant, kienu marru ghand l-imputat xi ftit darbiet id-dar tieghu sabiex jitolbu l-flus u l-imputat kien iwegibhom illi kellhom jigu fuq il-lant tax-xoghol halli jitkellmu ma' Victor Bartolo wkoll. Xehdet illi allavolja 'konna nirrabjaw pero' dejjem ir-ragel tieghi kellmu b'mod civili, u jien qatt ma ndhalt fl-istorja, lanqas lill-mara tieghu qatt ma semmejtilha xejn ghax ahna ma nidhlux fil-lant tax-xoghol ta' bejn l-irgiel.' (ara fol 124).

Dakinhar tal-incident, Louise Ciappara xehdet illi hija kienet marret ghand ommha li toqghod aktar 'l isfel fl-istess triq fejn kienu qeghdin jahdmu Leli Azzopardi u Victor Bartolo. Illi hija harget barra fit-triq ghaliex semghet hoss ta' trakk ta' zewgha (ara fol 134/135), illi giet infurmata minghand il-kwerelant li kien ser imur jitlob lil Leli Azzopardi u Victor Bartolo ghall-flus, u ddecidiet li tibqa' ghand ommha. Illi aktar tard semghet l-ghajjat u nizlet sa fejn kien qed jahdem Leli Azzopardi.
Louise Ciappara xehdet illi wara li telaq il-kwerelant bit-trakk ha jkellem lill-imputat, hija dahlet 'l gewwa fid-dar t'ommha, u ma tiftakarx jekk hallietx il-bieb ta' barra miftuh (ara fol 137). Mitluba tiddeskrivi l-ghajjat, Louise Ciappara xehdet li dan l-ghajjat kien ta' tlett irgiel f'salt. Mitluba tghid x'rat hekk kif waslet, Louise Ciappara xehdet is-segwenti:

'it-trakk kien ipparkjat hawnhekk fejn l-ghalqa, u kif wasalt hekk ghaddejja minn mat-trakk, Emanuel Azzopardi kellu kikkra f'idu, ramiha hekk, dar u ta daqqa bil-kikkra u laqat lir-ragel fuq naghsu…'.

Mitluba tghid kemm kienu ilhom jghajjtu, Louise Ciappara xehdet:

'nahseb anke ghaxar minuti, ma nafx ezatt, ma domtx biex inzilt jien.' (ara fol 139).

Louise Ciappara xehdet illi hija ma semghetx lil Leli Azzopardi jindirizza lill-kwerelant bil-kliem 'idhol ghaddi 'l hawn'. Lanqas ma semghet lil zewgha jirrifjuta li jidhol stante li ma kienx go hwejgu. A fol 140, xehdet illi anke fit-triq semghet l-ghajjat. Louise Ciappara kkonfermat li zewgha qala' daqqa wahda ta' mug minn Emanuel Azzopardi, u li wara dan huma marru l-ghassa fejn intbaghtu l-'polyclinic'. Tinnega illi r-ragel taghha wegga' ghax habat ma' xibka tal-hadid, u tinnega li rat lil zewgha u lil Leli Azzopardi jitqabdu mal-art, u kkonfermat li zewgha wegga' meta qala' daqqa ta' mug minghand l-imputat.

Raymond Ciappara, in kontro ezami a fol 145 et seq, innega li l-gebel li kien ta lil Leli Azzopardi kien hazin, izda afferma illi dan ma ntghogobx mill-Perit, u li ghaldaqstant, kellu jinbidel. Ikkonferma wkoll illi kien mar ikellem lil Leli Azzopardi darba d-dar tieghu, u li kien rah darba ohra barra u waqqfu, waqt li kien mar tlett darbiet ohra ghand Victor Bartolo (ara fol 151).
Raymond Ciappara kkonferma illi l-kunjata tieghu kienet toqghod bejn tul ta' sitt jew seba' blokkijiet 'l boghod minn fejn kienu qed jahdmu Emanuel Azzopardi u Victor Bartolo. A fol 152, Raymond Ciappara jghid is-segwenti:

'kont niezel bit-trakk u waqaft
Difiza: Waqft fejn, ghand omm il-mara jew ghandhom?
Xhud: Waqaft ghandhom inkellhom
Difiza: Jigifieri l-mara ma kinitx taf li sejjer?
Xhud: Il-mara mbaghad semghet it-trakk wara ftit
Difiza: Mela inti mort ghandhom ha nghid hekk?...(ara fol 152).

Mistoqsi jekk kemm-il darba kienx hemm ghajjat qabel ma' qala' d-daqqa ta' mug, il-kwerelant jikkonferma illi kien wara li qala' d-daqqa ta' mug li bdew jiggieldu, u li ghajjat, jekk kien hemm qabel dan, 'xi haga zghira'.

Raymond Ciappara xehed illi huwa kien quddiem it-trakk meta qala' d-daqqa, u nduna bil-prezenza tal-mara tieghu

mad-daqqa ghax martu ndirizzat lil Leli Azzopardi bi kliem ‘x’ghamiltlu’. Raymond Ciappara xehed illi wara li l-imputat tah id-daqqa bil-mug, kien rema’ l-mug pero’ ma jafx jekk inkisirx jew le. Raymond Ciappara kkonferma li kien hemm xibka mal-hajt biex ma jidhol hadd (ara fol 160), xibka tal-hadid u fuq ir-ritratti dokument EA1, 2, 3, indika d-dar fejn kienet tghix il-kunjata.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tippermeja fuq kwistjoni ta’ fedilita’ tax-xhieda, ghaliex il-verzjoniijiet tal-kwerelanti u mart fuq naha wahda, u dik tal-imputat u Victor Bartolo fuq l-ohra, huma dijametrikament opposti. Illi l-Artiklu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiggwida lill-gudikant f’din il-materja u jipprovdi:

‘L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbilita’ tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta’ min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.’

Din il-Qorti, wara li gharblet bir-reqqa x-xhieda prodotta, ma tarax kif tista’ takkolji l-verzjoni tal-kwerelanti u ta’ martu. Dan qieghed jinghad il-ghaliex ix-xhieda taghhom hija mzewqa b’diversi nkonsistenzi u ghandha bosta istanzi illi mhumiex vero simili. Ghall-kuntrarju ghax-xhieda tal-imputat, illi sa mill-bidu nett, (ara okkorrenza), zamm ferm ma’ verzjoni wahda.

Hekk per ezempju, Raymond Ciappara jishaq illi huwa mar ifittex lill-imputat u siehbu Bartolo fuq il-lant tax-xoghol; li l-imputat talbu jidhol u Ciappara rrifjuta stante li ma kienx diehel fi hwejgu fejn l-imputat, li kien qed jixrob il-kafe’ f’mug tal-hgieg, bla kliem u bla sliem, xejjirlu daqqa ta’ mug f’wiccu u korrieh (ara fol 39).

Illi Louise Ciappara, pero' tikkonferma illi kien l-**ghajjat tat-tlett irgiel**, inkluz dak ta' zewgha illi kkostringiha titlaq mid-dar t'ommha sa fejn kienu qed jahdmu Leli Azzopardi u Victor Bartolo. Hija ssostni li kienet **prezenti** waqt li l-imputat u zewgha kienu qeghdin jghajtu ma' xulxin u li **dan l-ghajjat dam ghaddej xi ghaxar minuti**.

Illi kuntrarjament ghal dak li qal Raymond Ciappara, Louise Ciappara (li tghid li kienet prezenti ghal ghaxar minuti waqt l-ghajjat), ma ssemmix li l-imputat qal lil Ciappara biex jidhol u li zewgha rrifjuta ghax hemm ma kienx hwejgu, u cioe' l-uniku kliem li allegatament ntqalu qabel ma qala' d-daqqa ta' mug.

Illi fl-istess manjiera hemm il-konsegwenzi gravi bejn il-verzjoni li tat Louise Ciappara, ghal dak li sehh **precedentement** ghall-incident. Infatti Louise Ciappara ssostni illi hija gharfet it-trakk ta' zewgha meta hija kienet f'dar ommha. Illi **hija harget tilqa' lil zewgha,** giet **mgharrfa minn zewgha** li kien ser imur ikellem lill-imputat u siehbu, fejn **imbaghad dahlet lura ghand dar ommha**.

Ghall-kuntrarju, zewgha Raymond Ciappara jsostni li huwa mar ikellem lill-imputat u siehbu minghajr ma tgharraf dan kollu lil martu:

'Difiza: Jigifieri l-mara ma kinitx taf li sejjer?
Kwerelant:Il-mara mbaghad semghet it-trakk wara ftit.' (ara fol 152).

Hekk per ezempju, fir-rakkont taghha, Louise Ciappara ssemmi illi rat lil zewgha johrog **maktur biex iwaqqaf id-dmija**, waqt li Raymond Ciappara jsostni li neza' l-**flokk u ghamlu ma' wiccu**.

Illi apparti dan kollu, il-Qorti ma ssib ebda veru somiljanza fil-verzjoni li tat Louise Ciappara ghar-rigward tad-**dinamika** tal-incident. Dan qieghed jinghad ghaliex Louise Ciappara ssostni illi hija kienet fuq il-parti ta' gewwa tad-dar t'ommha meta semghet l-ghajjat ta' tlett irgiel. Jekk wiehed allura jikkonsidra z-zmien li jehtieg sabiex taqsam id-dar, tohrog, timxi tul sitta jew seba'

blokkijiet ghal fejn kien qed isehh l-incident, wiehed ma jistax ma jasalx ghall-konkluzjoni illi jinhtieg ferm iktar zmien mit-'time span' mahsub minn Raymond Ciappara, u cioe' fejn gew skambjati ftit kliem 'idhol, le hawnhekk mhux hwejgi', u mbaghad jaqla' daqqa ta' mug bla kliem u bla sliem.

Ghall-kuntrarju, il-verzjoni tal-imputat kienet ferma sa mill-bidu nett, u cioe' fl-okkorrenza, giet affermata fl-istqarrija u mtennija fix-xhieda quddiem din il-Qorti. L-imputat bl-aktar mod rezolut innega illi kellu mug tal-hgieg jew ceramika f'idejh, u jghid illi hu dejjem xorob minn kikkra tal-plastic mat-thermos. L-imputat afferma repetutament li l-kwerelant gie fil-post fejn kien qed jahdem, jheddidhom li se jifqaghhom bit-trakk tieghu jekk ma jhallasx il-mitt Lira Maltin (Lm100), xehet ix-xibka ghal fuqu, qasamlu subghajh, u kien hemmhekk li mbaghad gew fl-idejn. L-imputat isostni illi waqt li huwa tilef sinna, l-imputat wegga' billi habat jew max-xibka tal-hadid jew mat-trakk. Dan kollu gie kkonfermat minn Victor Bartolo minkejja ezami regorus minn din il-Qorti.

L-imputat kompla jispjega illi l-kwerelant wara l-glieda, rikeb fit-trakk, u cempel lil martu illi **giet wara xi kwarta**.

Illi ghar-rigward tal-klassifika tal-griehi li sofra l-kwerelant, jirrizulta illi ghalkemm Dr Jonathan Joslin kien tal-fehma illi l-gerha f'wicc il-kwerelant setghet tammonta ghal sfregju minhabba illi kienet twila, Dr Micallef illi ra lill-imputat, a fol 32, ma jikkunsidrahiex bhala sfregju 'ghaliex ma tantx taghti fl-ghajn'.

Illi infatti din il-Qorti li kellha l-opportunita' tara lill-kwerelant diversi drabi, rat illi l-gerha fieqet tajba hafna u li l-qasma hadet il-kulur tal-kumplament tal-gilda ta' wicc il-kwerelant u tidher bhala wahda mid-diversi rugi f'wicc l-imputat, li minhabba f'xoghlu, ghandu wiccu pjuttost 'weather beaten'. Infatti, anke minn tlieta jew erba' piedi 'l boghod, wiehed irid ifittex sabiex jaraha.

Ghaldaqstant, in vista tal-fatt illi l-Qorti ma ssibx il-verzjoni tal-kwerelant kredibbli u temmen il-verzjoni li ta l-imputat;

in vista tal-fatt illi l-Qorti temmen li l-imputat ma kienx il-persuna li mar ifittex l-inkwiet u lanqas ma kienet il-persuna li bdiet din il-glieda; in vista tal-fatt illi l-kwerelant wegga’ a kawza tal-glieda li beda huwa stess u x’aktarx bix-xibka tal-hadid cioe’ l-istrument li biha hu agredixxa lill-imputat, il-Qorti ma tarax kif tista’ ssib htija fl-imputat u ghaldaqstant tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------